# FIL-QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM l-Erbgħa, 28 ta' Ġunju, 2017

**Kawża Numru 1 (Fam.)**

**Rik. Nru. 118/17JRM**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 116/2017 fl-ismijiet:

Mariella **CREMONA**

vs

Carmelo **ŻERAFA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-25 ta' Mejju, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent eżekutat Carmelo Żerafa talab li din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv maħruġ kontrih fl-4 ta' Mejju, 2017, fuq talba tal-intimata eżekutanti Mariella Cremona;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-intimata eżekutanti waqt is-smigħ tal-20 ta' Ġunju, 2017, li bih qalet li t-talba ma

jmisshiex tintlaqa' għaliex il-Mandat kellu jinħareġ minħabba li l-ammont ta' mgħax mitlub fih kien għadu mhux imħallas;

Semgħet ix-xhieda tal-intimata eżekutanti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-intimata;

Rat l-atti kollha tar-rikors, u kif ukoll dawk tal-Mandat eżekutiv li għalih jirreferi;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ġunju, 2017, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni taħt l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat esekuttiv għar-raġuni li l-parti eżekutata tgħid li l-kreditu li l-eżekutant irid jesegwixxi jinsab imħallas;

Illi r-rikorrent eżekutat isejjes it-talba tiegħu fuq il-fatt li, matul dawn l-aħħar xhur, mhux anqas minn sitt (6) mandati maħruġa mill-intimata b'esekuzzjoni tas-sentenza, tħassru bil-ħruġ tal-Kontro-Mandati relattivi wara li huwa kien ħallas kulma kellu jagħti lill-eżekutanti bis-saħħa tal-imsemmija sentenza. Huwa għalhekk iqis li l-Mandat mertu ta' din il-proċedura nħareġ b'mod abbużiv;

Illi, madankollu, b'verbal magħmul waqt is-smigħ ta' din il-proċedura, l-għaref difensur tal-istess eżekutat għarraf lill-Qorti li, wara li saru l-kjarifiki meħtieġa min-naħa tal-eżekutanti, ħareġ li seta' kien tabilħaqq il-każ li parti mill-imgħaxijiet li nġemgħu fuq is-somma kanoniżżata bis-saħħa tas-sentenza mogħtija ma kinux tħallsu. Kemm hu hekk, dakinhar tas-smigħ, il-partijiet talbu posponiment tal-istess smigħ biex ikunu f'qagħda li jivverifikaw x'kien l-ammont li għad fadal jitħallas;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>fatti ewlenin marbutin mal-każ</u> jirriżulta li bejn il-partijiet kien hemm kawża ta' firda personali[1]. Fid-29 ta' Jannar, 2015[2], din il-Qorti (diversament presjeduta) qatgħet il-kawża u, fost l-oħrajn, ordnat lill-attur (l-eżekutat tal-lum) li jħallas lill-intimata eżekutanti

[1] Rik. Nru. 362/10RGM
[2] Dok "MCA", f'paġġ. 24 sa 40 tal-proċess

martu s-somma ta' ħmistax-il elf tliet mija u tlettax-il euro (€ 15,313) rappreżentanti nofs id-dejn parafernali tal-istess eżekutat li tħallas mill-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ minn dakinhar tas-sentenza. Dwar l-ispejjeż tal-kawża (li fiha saret ukoll talba rikonvenzjonali min-naħa tal-eżekutanti), l-eżekutat kellu jħallas erba' partijiet minn ħamsa ($^4/_5$). Is-sentenza saret ġudikat;

Illi kemm matul is-smigħ tal-kawża tal-firda personali u kif ukoll wara l-għoti tas-sentenza, l-eżekutanti ħarġet bosta Mandati kawtelatorji kontra l-eżekutant b'ħarsien tal-pretensjonijiet tagħha f'dik il-kawża;

Illi l-eżekutat iddepożita żewġ somom li jtellgħu ħmistax-il elf mija u tnejn u erbgħin euro u disa' ċenteżmi (€ 15,142.09) b'ċedoli taħt l-awtorita' tal-Qorti[3] bħala ħlas tas-'*sorte*' kanonizzat;

Illi wara li saru l-imsemmija depożiti, l-eżekutat talab u kiseb il-ħruġ ta' tliet (3) kontro-mandati fit-30 ta' Marzu, 2017[4];

Illi fl-4 ta' Mejju, 2017, l-eżekutanti talbet u kisbet il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru mertu ta' din il-proċedura u dan dwar kreditu ta' elfejn seba' mija u sitta u ħamsin euro u tnejn u tletin ċenteżmi (€ 2,756.32) rappreżentanti l-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) mid-29 ta' Jannar, 2015, sa dakinhar fuq is-'*sorte*' kanonizzat bl-imsemmija sentenza. Il-Mandat inħareġ b'notifika lil ħames (5) sekwestratarji, ilkoll banek kummerċjali;

Illi fil-25 ta' Mejju, 2017, l-eżekutat fetaħ din il-proċedura;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ</u> irid jingħad illi din il-Qorti diġa' wriet f'deċiżjonijiet oħrajn li hija tat qabel din li hija tal-fehma li l-għan li għalih iddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, il-parti eżekutata tbati preġudizzju u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv[5]. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu

---

[3] Dokti "MCB" u "MCC" f'paġġ. 41 – 3 tal-proċess

[4] Dokti f'paġġ. 7 sa 14 tal-proċess

[5] Ara P.A. GV **19.11.2008** fl-atti tar-rikors fl-ismijiet ***Kummissarju VAT vs Mark Grima et noe et***

nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ[6]. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;

Illi, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[7]. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti mhuwiex Mandat kawtelatorju;

Illi l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;

Illi għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xiħadd biex jitlob il-ħruġ ta' Mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli;

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrent eżekutat qiegħed jgħid li l-Mandat ma jgħoddx għaliex inħareġ b'mod abbużiv għaliex hu ma kien għad fadallu xejn x'jagħti, tant li kien talab u kiseb bosta Kontro-Mandati oħrajn kontra l-istess eżekutanti;

Illi din hija r-raġuni waħdanija li ssejjes it-talba tar-rikorrent eżekutat. Hija din ir-raġuni li din il-Qorti trid tifli biex tara jekk hijiex tabilħaqq raġuni tajba li twassal għat-tħassir tal-Mandat, kif trid il-liġi;

[6] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **1.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Ċiv. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kolleż. Vol: **LXXXV.ii.414**)

[7] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju)

Illi l-Qorti jidhrilha li r-rikorrent m'għandux raġun, u dan għaliex mill-provi mressqin quddiemha jirriżulta li ma huwiex minnu li l-eżekutat ħallas lill-eżekutanti martu kulma kellu jħallasha skond is-sentenza li ngħatat;

Illi għalkemm fir-rikors tiegħu l-eżekutat jgħid li l-pretensjoni tal-eżekutanti ma toħroġx ċara mill-Mandat u jekk dan inħariġx dwar sorti, spejjeż jew imgħax, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-Mandat inħareġ għall-kawżali tal-imgħaxijiet, kif jixhdu l-kliem "bit-8% mid-29 ta' Jannar, 2015, sallum". Dan il-kliem jaqbel sewwa ma' dik il-parti dispożittiva tas-sentenza li titkellem dwar is-somma kanonizzata li kellha titħallas lill-eżekutanti;

Illi mill-provi mressqa, l-eżekutat ħallas biss is-sorti u sehemu mill-ispejjeż legali taxxati. Ma wera bl-ebda mod li huwa ħallas ukoll l-imgħaxijiet miġmugħin. Għall-kuntrarju, jidher li huwa jistqarr li dan il-kap ma ssaldahx;

Illi dan ifisser li t-talba tiegħu biex il-Qorti tordna t-tħassir tal-mandat maħruġ kontrih mhijiex waħda mistħoqqa sakemm ikun għadu ma ħallasx dik is-somma;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba tar-rikorrent** eżekutat għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru numru 116/17 maħruġ kontrih mill-intimata eżekutanti, **bl-ispejjeż** kontra l-istess rikorrent eżekutat.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**28 ta' Ġunju, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**28 ta' Ġunju, 2017**